Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 77/2014

**Christopher Galea** **(appellat)**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija** **(appellant)**

7 ta' Novembru, 2016.

B'sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tas-26 ta' Frar 2016, ġiet imħassra deċizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn caħad applikazzjoni ta' Christopher Galea għal ħrug ta' liċenza ta' Gwardjan Privat skond l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali (Kap. 389).

Mis-sentenza appella l-Kummissarju tal-Pulizija. L-aggravju huwa li t-Tribunal ma ndirizzax is-sentenzi kollha mniżżlin fil-fedina penali speċjalment dik dwar l-inċident tat-23 ta' Ġunju 2011 li jilgħab parti importanti fid-deċiżjoni li ħa l-Kummissarju. Christopher Galea xellef subgħajħ mal-ġustizzja ripetutament u dan jipperikola l-interess pubbliku.

L-appellat wieġeb li s-sentenza tat-Tribunal għandha tiġi kkonfermata.

Il-Qorti rat l-atti.

**Fatti**

1. Permezz ta' avviż ta' rifjut datat 28 ta' Awwissu 2014, l-intimat (illum appellant) għarraf lir-rikorrent li l-applikazzjoni tiegħu ghal-licenza ta' Gwardjan Privat ma gietx milqugha *"ai termini l-Artikolu 10(b) tal-Kap 389 fl-interess pubbliku"*. Skond l-Ispettur Ramon Mercieca, l-applikazzjoni saret f'Awissu, 2014.

2. Mill-fedina penali tar-rikorrent jirriżulta li nstab ħati tas-segwenti reati:-

(i) Talli fid-29 ta' Novembru, 2010 saq vettura mingħajr ma kellu licenza tas-sewqan mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta jew mingħajr licenza tas-sewqan speċifikata għal dik il-vettura. Permezz ta' sentenza datata 3 ta' Marzu 2011 nstab ħati u ġie kkundannat iħallas multa ta' sittin ewro (€60);

(ii) Talli fit-23 ta' Gunju 2011:

(a) Naqas li jobdi ordnijiet legittimi ta' Awtorita` cioe` ta' PS 830 u ta' PC 1364 nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħallihomx jew

fixkilhom waqt li kienu qegħdin jagħmlu d-dmirijiet tagħhom jew b'xi mod ieħor bla jedd indaħal fi dmirijiethom billi ma ħallihomx jagħmlu dak li b'liġi kienu ordnati jew jistgħu jagħmlu jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li PS 830 u PC1364 kienu għamlu skond il-liġi.

(b) ingurja u/jew hedded bi kliem lil PS 830 u lil PC 1364 persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jagħmlu dak is-servizz jew bil-ħsieb li jbezzagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

(ċ) qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku.

(d) kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u/jew ġlied.

B'sentenza tal-21 ta' Novembru 2011 il-qorti sabitu ħati tal-akkużi u kkundannatu multa ta' hamsin ewro (€50) wara li skuża ruhu tal-akkadut.

(iii) Talli fid-9 ta' Ottubru 2012 saq jew ipprova isuq jew kellu kontroll ta' vettura numru SAX-082 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi u talli fl-imsemmija data u fil-ġranet ta' qabel, għamel bdil fil-kulur tal-vettura nru SAX-082 u naqas li jinforma lill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. B'sentenza tat-12 ta' Marzu 2013 ir-rikorrent kien kundannat iħallas multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) u sospensjoni tal-licenza ghal zmien sitt (6) xhur.

3. Ir-rikorrent ippropona proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fejn talbu jħassar id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija. B'sentenza tas-26 ta' Frar 2016 it-Tribunal ħassar id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u ordnalu, *"sabiex fid-dawl ta' dak kollu osservat f'din is-sentenza jerga' jikkonsidra mill-ġdid l-applikazzjoni tar-rikorrent ghall-hrug ta' licenzja ta' Gwardjan Privat ai termini tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta"*.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

1. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

(1) Irid iżomm bilanċ bejn l-interess pubbliku u d-dritt tar-rikorrent li jeżerċita l-professjoni tiegħu.

(2) Minħabba n-natura tas-servizzi li jingħataw minn gwardjani privati, hu loġiku u leġittimu li fl-għoti u tiġdid tal-liċenzi jiġi kkunsidrat l-aspett tal-interess pubbliku. Deċiżjoni li tkun ingħatat fil-kamp kriminali timpinġi fuq il-konsiderazzjoni u hu neċessarju li jkun hemm evalwazzjoni jekk l-applikant huwiex persuna idoneja li jingħata dik il-liċenza.

(3) L-intimat għandu diskrezzjoni fit-teħid tad-deċiżjoni, pero' din trid titwettaq b'mod raġonevoli, ekwita' u ħaqq u mingħajr abbuż.

(4) Mill-provi rriżulta li d-deċiżjoni ġiet bażata fuq fatti u assunzjonijiet li huma rrilevanti, bħal meta assuma li r-rikorrent kien qiegħed isuq

mingħajr kopertura ta' insurance. L-istess l-Ispettur tal-pulizija qal li r-rikorrent irrifjuta li jagħmel il-breathalyzer test meta rriżulta li r-rikorrent aċċetta li jagħmlu iżda ma tkomplix ghaliex ir-rikorrent ma bediex jonfoħ sew u ftit wara ħassu ħażin.

(5) F'dan il-każ *"…. l-istess Kummissarju ma bbażax ir-rifjut tiegħu fuq konsiderazzjonijiet li jemanu mis-sentenzi kriminali biss, iżda mar oltre u għamel ċerti assunzjonijiet u ħa bħala vera fatti li fil-fatt ma kinux."*

(6) Mill-ispjegazzjoni li ngħatat mir-rikorrent fl-affidavit li ma ġiex kontradett, it-Tribunal kien tal-fehma li l-Kummissarju tal-Pulizija kien ħa deċiżjoni nġusta u għalhekk irrevoka l-istess.

2. Il-qorti tosserva:

2.1 Hu evidenti li d-deċiżjoni ta' rifjut għall-ħruġ ta' liċenza ta' gwardjan privat kienet bażata fuq il-fatt li fi tlett okkazzjonijiet l-appellat kien instab ħati ta' reati li twettqu fis-snin 2010, 2011 u 2012, u li tqiesu li huma ta' ċertu gravita.

2.2 Skond ma xehed l-Ispettur Ramon Mercieca, id-deċiżjoni ttieħdet a bażi ta' dak li jingħad fil-fedina penali tal-appellat[1]. Fil-fehma tal-qorti m'hemmx prova li d-deċiżjoni kienet bażata fuq xi preżunzjoni.

2.3 Minkejja dak li xehed Galea fl-affidavit li ppreżenta fit-28 ta' April, 2015:

2.3.1. għalkemm fir-rigward tat-tieni każ qal, *"Ngħid li jien kull ma għidt lill-pulizija biex ma jkunx aggressiv fil-konfront tiegħu u talli kellimtu ħariġli charge li ma kontx qed nobdi l-ordnijiet tiegħu"*, il-qorti ddikjarat li kienet qegħda ssibu ħati tal-akkużi. Li kieku sempliċiment għadda kumment, ma kienx jinstab ħati tal-akkużi kollha li jissemmew fis-sentenza (ara fol. 55-56). Il-fatt li l-qorti kkundannat lir-rikorrent għal multa ta' 50 ma jfissirx li l-każ hu *de minimis* (ara paragrafu 12 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, fol. 98). Hu evidenti li l-qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrent kien skuża ruħu.

2.3.2. għalkemm qal li l-każ li kellu fis-sena 2012 ġara minħabba li kien tah ħass ħażin, il-provi juru mod ieħor (ara per eżempju l-affidavit ta' WP2 274 Francesca Quattromani). Il-qorti sabitu ħati tat-tielet akkuża li kienet taqra: *"Soqt jew ippruvajt issuq jew kellek kontroll ta' vettura Nru SAX-082 fit-triq jew f'post pubbliku meta **ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb** jew drogi."* Is-sentenza tat-12 ta' Marzu 2013 hi ċara jgħid x'igħid l-appellat. Dan hu reat serju li juri nuqqas ta' responsabbilta' da parti tal-appellat.

3. Il-qorti m'hijiex f'posizzjoni li tasal għall-istess konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal. Hu fatt li għalkemm il-pieni li ngħataw lir-rikorrent ma kinux iebsin, jibqa' l-fatt li r-reati twettqu. Reati li gew kommessi fl-

[1] *"Dr Tabone: Iġifieri inti wasalt għal konklużjoni li mhux fl-interess pubbliku għaliex inti striħajt fuq iċ-charges li kien hemm ?*
*Xhud: Fuq li hemm riprodott fuq il-kondotta tiegħu"* (fol. 48). Ara wkoll fol. 47.

2010, 2011 u 2012. Il-professjoni ta' gwardjan privat iġġorr magħha ħafna responsabiltajiet, in kwantu min jingħata l-liċenza jkun jista' jwettaq id-dmirijiet f'diversi oqsma, bħal protezzjoni ta' individwi minn ħsara fuq il-persuna. Il-gwardjani privati ħafna drabi jagħtu s-servizzi tagħhom f'postijiet pubbliċi. Meta tqies, ir-responsabiltajiet li ġġorr magħha l-professjoni ta' gwardjan privat u x-xogħol li jagħmel; in-natura tar-reati li kkommetta r-rikorrent u li tagħhom instab ħati; u ż-żmien li għadda minn meta twettqu sakemm applika ghal-liċenza; il-qorti m'hijiex tal-fehma li d-deċiżjoni tal-appellant kienet waħda li persuna sensibli ma kinitx tieħu. Meta l-appellant irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent kien hemm ċirkostanzi li raġonevolment iwasslu għad-deċiżjoni li ħa l-appellant, u dan fl-interess pubbliku.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza tat-Tribunal u minflok tiċħad ir-rikors promotur li ppreżenta r-rikorrent fit-30 ta' Settembru, 2014. Spejjeż kollha a karigu tar-rikorrent**.

Anthony Ellul.